KAPITOLU 582

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' *STANDARDS* TA' ĦARSIEN SOĊJALI

ATT biex jipprovdi għar-regolamentazzjoni ta' wens soċjali provdut lil individwi, minn entitajiet pubbliċi jew privati jew minn kull entità jew persuna oħra; kif ukoll biex jirregola s-setgħat, dmirijiet u riżorsi finanzjarji tal-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali mwaqqfa skont dan l-Att; biex jirregola l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Awtorità, liema funzjonijiet għandhom jinkludu l-ħruġ ta' liċenzji u permessi għal provditur ta' servizz ta' wens soċjali, li ddaħħal fis-seħħ standards regolatorji għal oqsma varji ta' servizz ta' wens soċjali mogħtija lil individwi minn aġenziji jew entitajiet pubbliċi jew privati jew minn kull entità jew persuna oħra, li ddaħħal fis-seħħ proċeduri għal stħarriġ ta' lmenti kontra provditur ta' servizz ta' wens soċjali, li tipprovdi għat-twiddib lil provditur ta' servizz ta' wens soċjali meta ma jkunx mexa mar-regolamenti, biex jgħin lil provditur ta' servizz ta' wens soċjali biex jilħaq kwalità ogħla ta' ġid u biex jagħmel provvedimenti dwar dawk is-setgħat kollha li jistgħu jinħtieġu sabiex l-Awtorità taqdi l-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att.

28 ta' Mejju, 2018*
20 ta'Awwissu, 2018†
1 ta' Jannar, 2019‡

ATT XV tal-2018.,kif emendat bl-Att II tal-2019

TAQSIM TAL-ATT

		Artikoli
Taqsima I	Preliminari u Tifsiriet	1 - 2
Taqsima II	Prinċipji ta' Gwida	3 - 4
Taqsima III	Twaqqif u Funzjonijiet tal-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali	5 - 13
Taqsima IV	Ħruġ ta' Liċenzji	14 - 20
Taqsima V	Dispożizzjonijiet dwar *Standards*	21
Taqsima VI	Infurzar ta' *Standards*	22 - 24
Taqsima VII	Appelli	25 - 26
Taqsima VIII	Reati u Pieni	27 - 29
Taqsima IX	Mixxellanji	30-31

* Ara l-Avviż Legali 167 tal- 2018.
† Ara l-Avviż Legali 285 tal-2018
‡Ara l-Avviż Legali 446 tal-2018

TAQSIMA I
Preliminari u Tifsiriet

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att dwar l-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"aġenzija" tfisser kull aġenzija li tkun responsabbli għall-wens ta' min jista' jkun riferut mill-istess aġenzija għal servizzi ta' għajnuna soċjali regolati b'dan l-Att;

"assessur" tfisser kull persuna mqabbda mill-Awtorità biex tagħmel valutazzjonijiet skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u tinkludi kwalunkwe rappreżentant tal-Awtorità kif awtorizzat mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali, kif stabbilita bl-artikolu 5;

"*Chairperson*" tfisser iċ-*Chairperson* maħtur skont l-artikolu 9;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ħarsien soċjali;

"persuna responsabbli" tfisser is-sid jew kull persuna oħra legalment responsabbli għall-għoti tas-servizz;

"provditur ta' servizz" tfisser kull persuna jew organizzazzjoni li tipprovdi servizz ta' wens soċjali;

"provditur ta' servizz liċenzjat" tfisser persuna jew organizzazzjoni li tkun ingħatat liċenzja mill-Awtorità sabiex topera, tipprovdi u twettaq attività jew xogħol jew biex tipprovdi servizz ta' wens soċjali;

"provditur ta' servizz prospettiv" tfisser kull persuna jew organizzazzjoni li tapplika għal liċenzja biex tipprovdi servizz ta' wens soċjali;

"sena finanzjarja" tfisser perjodu ta' tnax-il xahar li jagħlaq fil-31 ta' Diċembru:

Iżda s-sena finanzjarja li tibda fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru ta' dik l-istess sena;

"servizz ta' wens soċjali" tfisser servizzi ta' wens mogħtija għall-ġid tal-utenti kemm jekk is-servizz ikun mogħti minn aġenzija jew faċilitajiet residenzjali, kemm fil-komunità jew fid-dar ta' kura u infermerija, kif jista' jkun preskritt permezz ta' regolamenti magħmulin taħt dan l-Att;

Kap. 490

"Tribunal" tfisser it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva;

"Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni" tfisser l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni maħtur taħt l-artikolu 13;

"uffiċjal pubbliku" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

"utent tas-servizz" tfisser kull min jagħmel użu minn servizz ta' wens regolat b'dan l-Att, jew regolat bi kwalunkwe regolament ieħor magħmul skont dan l-Att.

TAQSIMA II
Prinċipji ta' Gwida

Promozzjoni u żvilupp tal-interessi tal-Awtorità.

3. Bit-twaqqif tal-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali, il-Gvern għandu jfittex li jmexxi 'l quddiem u jistabbilixxi r-regolamentazzjoni tas-servizzi ta' wens soċjali, mogħtija minn aġenziji jew entitajiet pubbliċi jew privati jew minn kull entità jew persuna oħra.

Politika u l-għanijiet prinċipali.

4. (1) Skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Gvern għandu jiddetermina l-politika u l-għanijiet ta' Malta fir-regolamentazzjoni tas-servizzi ta' wens soċjali mogħtija minn aġenziji jew entitajiet pubbliċi jew privati jew minn kull entità jew persuna oħra.

(2) Permezz tal-Awtorità, il-Gvern għandu jaħdem biex jikseb, *inter alia*, dan li ġej:

(a) li jistabbilixxi *standards* regolatorji għal servizzi ta' wens soċjali;

(b) li jgħin lill-provdituri ta' servizzi sabiex jipprovdu servizzi ta' kwalità għolja;

(ċ) li jinforza l-i*standards* u l-kondizzjonijiet stipulati fil-liċenzji mogħtija mill-Awtorità lill-provdituri ta' servizz.".

TAQSIMA III
Twaqqif u Funzjonijiet tal-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali

Twaqqif tal-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali.

5. (1) Għandu jitwaqqaf korp, magħruf bħala l-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali, li l-funzjoni prinċipali tiegħu għandha tkun li jfassal *standards* regolatorji dwar servizzi ta' wens soċjali, u li jiżgura li dawn l-i*standards* ikunu mħarsa skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) L-Awtorità tkun enti morali b'personalità ġuridika distinta.

(3) L-Awtorità għandha tkun magħmula miċ-*Chairperson* u mill-Bord imwaqqaf taħt l-artikolu 9.

Funzjonijiet tal-Awtorità

6. (1) Mingħajr preġudizzju għal xi funzjonijiet oħra, li jistgħu jkunu mogħtija lilha minn dan l-Att, jew minn xi liġi jew

regolamenti oħra, il-funzjonijiet tal-Awtorità għandhom jinkludu:

(a) li tistabbilixxi *standards*, *policies* u linji gwida regolatorji dwar servizzi ta' wens soċjali u li tinforza dawn l-i*standards* kif jista' jkun meħtieġ, biex tiżgura kwalità għolja fis-servizzi ta' wens soċjali;

(b) li tistabbilixxi l-kriterji għall-għoti, iċ-ċaħda, is-sospensjoni u r-revoka ta' liċenzji; u

(ċ) li tagħti, tiċħad, tissospendi jew tirrevoka kwalunkwe liċenzja.

(2) Minkejja kull liġi oħra, meta xi funzjoni jew setgħa tal-Awtorità tiġi moqdija jew eżerċitata permezz ta' aġent kif provdut fl-artikolu 12(2), l-azzjonijiet, l-atti u l-proċeduri kollha ġudizzjarji li jinħolqu minn, jew għandhom x'jaqsmu ma' kull ħaġa li dwarha l-aġent jimxi għal u f'isem l-Awtorità, għandha tittieħed u ssir minn u kontra dak l-aġent f'isem l-Awtorità.

Setgħat tal-Awtorità.

7. Is-setgħat tal-Awtorità għandhom jinkludu:

(a) li tirċievi u tinforma li rċeviet applikazzjonijiet għal liċenzjar biex jingħataw servizzi ta' wens soċjali;

(b) li tqis is-servizzi ta' wens soċjali prospettivi;

(ċ) li tqis u tinvestiga provdituri ta' servizz ta' wens soċjali;

(d) li tagħti, tirrifjuta, tissospendi jew tirrevoka liċenzja biex ikun operat servizz għal wens soċjali, skont il-kriterji stabbiliti;

(e) li tirċievi, tinforma li rċeviet, tinvestiga u tieħu kull azzjoni meħtieġa dwar kull ilment kontra xi aġenzija jew provditur ta' servizz jew entitajiet pubbliċi jew privati jew kull entità jew persuna oħra;

(f) li tirrakkomanda miżuri biex ittejjeb il-kwalità tas-servizzi ta' wens soċjali provduti f'Malta;

(g) li tistabbilixxi u taġġorna reġistru għal aġenziji jew provditur ta' servizz jew entitajiet pubbliċi jew privati jew kull entità jew persuna oħra li jipprovdu servizzi ta' wens soċjali skont kif l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tqis li jeħtieġ li jkunu reġistrati;

(h) li timmodifika jew tneħħi xi kundizzjoni, jew li timponi kundizzjonijiet oħra, wara li tkun tat il-liċenzja u, sakemm ma jkunx provdut mod ieħor, dawk il-kundizzjonijiet jidħlu fis-seħħ wara li tgħaddi sena mid-data tad-dħul fis-seħħ

tal-kundizzjonijiet ġodda;

(i) li tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Gvern biex jiżviluppa politika fil-qasam tas-servizzi ta' wens soċjali.

Tmexxija tax-xogħol tal-Awtorità.

8. (1) L-affarijiet, ix-xogħol u l-qadi tal-funzjonijiet tal-Awtorità għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Bord:

Iżda l-Bord jista' jagħti t-tmexxija eżekuttiva tal-Awtorità, l-amministrazzjoni u l-organizzazzjoni u l-kontroll amministrattiv tal-uffiċjali u l-impjegati tagħha, lil xi uffiċjal jew uffiċjali tal-Awtorità, li jkollhom dawk is-setgħat l-oħra li minn żmien għal żmien jiġu mogħtija lilu jew lilhom mill-Bord.

(2) Mingħajr preġudizzju għal xi funzjoni oħra mogħtija lilu minn dan l-Att, jew minn xi liġi oħra jew regolament ieħor, għandha tkun il-funzjoni taċ-*Chairperson* li:

(a) jassumi kull responsabbiltà għas-superviżjoni u l-kontroll fuq kollox tal-Awtorità;

(b) jiżviluppa l-istrateġiji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-iskopijiet tal-Awtorità; u

(ċ) iwettaq dawk id-dmirijiet l-oħra li l-Awtorità tista' tassenjalu minn żmien għal żmien.

Bord ta' Diretturi tal-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali.

9. (1) Għandu jkun hemm Bord ta' Diretturi tal-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali, li jkun magħmul minn seba' membri li wieħed minnhom għandu jkun *Chairperson* u ieħor Viċi *Chairperson.*

(2) Il-membri tal-Bord għandhom jinħatru mill-Ministru minn fost persuni li jidhirlu li jkunu kwalifikati minħabba f'li jkollhom kwalifiki professjonali jew kwalifiki akkademiċi jew esperjenza jew ikunu wrew ħila fi ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' wens soċjali. Wieħed mill-membri tal-Bord maħtur mill-Ministru jista' jkun utent ta' servizz ta' wens soċjali.

(3) Mingħajr preġudizzju għal xi liġijiet oħra, iċ-*Chairperson* tal-Awtorità għandu jkun maħtur mill-Ministru għal dak iż-żmien li l-Ministru jidhirlu xieraq. Il-Ministru għandu wkoll jinnomina membru ieħor tal-Bord bħala viċi *chairperson,* u l-membru li jiġi hekk appuntat ikollu s-setgħat kollha u jaqdi dawk il-funzjonijiet kollha ta' *chairperson* fin-nuqqas tiegħu jew meta dan ma jkunx jista' jagħmilha ta' *chairperson*, jew matul xi żmien li l-kariga ta' *chairperson* tkun battala; u l-Ministru jista' wkoll, f'kull waħda miċ-ċirkostanzi msemmija, jaħtar persuna oħra bħala *chairperson* u f'dak il-każ id-dispożizzjonijiet ta' qabel għandhom japplikaw dwar dik il-persuna.

(4) Persuna tkun skwalifikata milli tinħatar u tibqa' membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità jekk:

(a) tkun membru tal-Kamra tad-Deputati, jew tal-Parlament Ewropew, jew ta' Kunsill Lokali, jew tkun kandidat għall-elezzjoni għall-Kamra tad-Deputati, jew għall-Parlament Ewropew, jew għall-Kunsill Lokali; jew

(b) ikollha dak l-interess finanzjarju jew dak l-interess ieħor f'xi impriża jew attività li x'aktarx ma jħallihiex taqdi sewwa dmirijietha bħala membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità; jew

(ċ) tkun inkapaċitata jew interdetta legalment; jew

(d) kienet iġġudikata falluta jew tkun għamlet ftehim jew arranġament mal-krediturі tagħha; jew

(e) tkun instabet ħatja ta' reat li jolqot il-fiduċja pubblika jew ta' serq jew ta' frodi jew li tkun xjentement irċeviet proprjetà miksuba b'serq jew frodi.

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità għandhom iżommu l-kariga għal perjodu ta' tliet snin.

(6) Membru tal-Bord jista', meta jispiċċa minn membru, jinħatar mill-ġdid.

(7) Mingħajr preġudizzju għal xi liġijiet oħra, membru jista' jitneħħa mill-kariga mill-Ministru jekk, fil-fehma tiegħu, dak il-membru ma jkunx tajjeb biex ikompli fil-kariga; jew ma jkunx baqa' kapaċi biex jaqdi, jew ma jkunx qed jaqdi b'mod xieraq id-dmirijiet tiegħu bħala membru; jew f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li jiskwalifikaw lil dik il-persuna milli tibqa' membru.

(8) Jekk membru jirriżenja jew jivvaka l-kariga tiegħu qabel ma jispiċċa ż-żmien tal-ħatra, jew jitneħħa mill-kariga skont is-subartikolu ta' qabel dan, il-persuna maħtura minfloku għandha tinħatar għaż-żmien li jkun għadu ma skadiex tal-ħatra oriġinali.

(9) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha l-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali m'għandhiex tkun suġġetta għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra.

Proċedura tal-laqgħat tal-Awtorità.

10. (1) Il-Bord għandu jiltaqa' kull meta jkun meħtieġ, iżda f'ebda każ inqas spiss minn darbtejn fix-xahar. Il-laqgħat tal-Bord għandhom jissejħu miċ-*Chairperson* jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' tnejn mill-membri l-oħra. Bla ħsara għall-ħtiġijiet l-oħra ta' dan l-Att, ebda deċiżjoni tal-Bord ma tkun valida jekk ma jkollhiex l-approvazzjoni ta' maġġoranza tal-membri tal-Bord.

(2) Nofs in-numru tal-membri li għal dak iż-żmien ikunu jiffurmaw il-Bord għandhom jagħmlu *quorum* f'kull laqgħa tal-Bord. Id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri

preżenti u li jivvotaw. Iċ-*Chairperson*, jew membru ieħor li jkun qed jippresiedi fil-laqgħa, ikollu vot oriġinali u, fil-każ ta' voti ndaqs, vot deċiżiv.

(3) Fin-nuqqas taċ-*Chairperson* f'xi laqgħa tal-Bord, il-Viċi *Chairperson*, jew persuna oħra maħtura biex tagħmilha ta' *chairperson* skont l-artikolu 9(3), jew, jekk ma jkun hemm ebda membru ieħor jew persuna oħra hekk imsemmija jew maħtura, il-membru tal-Bord li jintgħażel għal hekk mill-membri l-oħra preżenti, għandu jippresiedi f'dik il-laqgħa tal-Bord.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), ebda għemil jew proċediment tal-Bord ma jkun invalidat biss minħabba f'xi vakanza fost il-membri.

(5) Membru tal-Bord li jkun b'xi mod direttament jew indirettament interessat f'deċiżjoni magħmula jew maħsuba li tiġi magħmula, mill-Awtorità, għandu, kemm jista' jkun malajr wara li ċ-ċirkostanzi relattivi jiġu għal konjizzjoni tiegħu, juri x-xorta tal-interess tiegħu f'laqgħa tal-Bord.

(6) Kull wiri magħmul skont is-subartikolu (5) għandu jiġi reġistrat fil-minuti tal-laqgħa li jsir fiha, u l-membru li jagħmel wiri bħal dak:

(a) għandu, wara l-wiri, jirtira mis-seduta li fiha dik id-deċiżjoni hi maħsuba li tiġi magħmula; u

(b) ma għandux, jekk id-deċiżjoni tkun magħmula, jittieħed kont tiegħu dwar il-kostituzzjoni ta' *quorum* tal-Bord għal dik id-deċiżjoni.

(7) Għandhom jinżammu l-minuti tal-proċeduri tal-Bord u ta' kull kumitat tiegħu. Għal dan il-fini u biex jinżammu d-dokumenti rilevanti, il-Ministru għandu jinnomina persuna biex taġixxi bħala segretarju tal-Bord għal dak il-perjodu u b'dawk il-pattijiet li l-Ministru jista' jqis xierqa. Is-segretarju tal-Bord ma jkollux vot.

(8) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament magħmul taħtu, l-Awtorità tista' tirregola l-proċeduri tagħha stess.

(9) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Awtorità taħt dan l-Att, il-Bord jista' jikkonsulta ma' dawk il-professjonisti, jew dawk il-persuni oħra, li jkollhom għarfien u esperjenza rilevanti fil-qasam ta' servizzi ta' wens soċjali, kif jista' jqis xieraq. Għal dan il-fini, il-Bord jista' jsejjaħ quddiemu kull persuna biex tipprovdi t-tagħrif mitlub u tipproduċi kull dokumentazzjoni meħtieġa.

(10) Il-membri tal-Bord, is-segretarju tal-Bord jew kull min ikun involout fil-proċedimenti tal-Bord, huma marbuta bil-kunfidenzjalità u

ma jistgħux jgħaddu lil terzi informazzjoni li jistgħu jsiru jafu biha waqt il-proċedimenti.

(11) Il-Bord għandu jżomm kopja vera u korretta tal-proċedimenti tiegħu kollha u l-Bord għandu jagħti kull informazzjoni mitluba mill-Ministru.

(12) Il-Bord għandu jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati rapport annwali dwar il-ħidma tal-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja.

Rappreżentanza ġuridika tal-Awtorità.

11. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8(2), ir-rappreżentanza ġuridika tal-Awtorità tkun vestita fiċ-*Chairperson* u/jew fl-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.

Ħatra u funzjonijiet tal-uffiċjali u l-impjegati tal-Awtorità.

12. (1) L-Awtorità għandha taħtar u timpjega, b'dik ir-rimunerazzjoni u b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet ta' żmien hekk kif tista', skont l-artikolu 9, tistabbilixxi, lil dawk l-uffiċjali u l-impjegati tal-Awtorità bħalma jistgħu minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa għat-twettiq dovut u effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Awtorità.

Assenjament ta' uffiċjali pubbliċi biex jaqdu dmirijiet mal-Awtorità.

(2) Il-Prim Ministru jista', fuq talba tal-Awtorità, minn żmien għal żmien jordna li uffiċjal pubbliku għandu jiġi assenjat biex jaqdi dmirijietu mal-Awtorità f'dik il-kapaċità u b'seħħ minn dik id-data li tista' tiġi speċifikata fl-ordni tal-Prim Ministru.

(3) Il-perjodu li matulu ordni bħal dik hawn aktar qabel imsemmija għandha tapplika għal xi uffiċjal li jkun speċifikat fiha, għandu, kemm-il darba l-uffiċjal ma jkunx irtira mis-servizz pubbliku, jew xort'oħra temm milli jibqa' fil-kariga f'data li tiġi qabel, jew kemm-il darba ma tiġix speċifikata data differenti f'dik l-ordni, itemm milli jibqa' jseħħ wara sena mid-data effettiva ta' dik l-ordni kemm-il darba l-ordni ma tiġix aktar kmieni revokata mill-Prim Ministru.

Status ta' uffiċjali pubbliċi assenjati biex jaqdu dmirijiet mal-Awtorità.

(4) Meta uffiċjal jiġi assenjat għal dmirijiet mal-Awtorità, dak l-uffiċjal għandu, matul iż-żmien li fih dik l-ordni jkollha effett dwaru, ikun taħt l-awtorità u l-kontroll amministrattiv tal-Awtorità iżda huwa għandu għal kull għan u raġuni oħra jibqa' u jitqies u jiġi trattat bħala uffiċjal pubbliku.

(5) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, uffiċjal li jkun assenjat għal dmirijiet kif hawn aktar qabel imsemmi:

(a) ma għandux waqt iż-żmien li matulu huwa jkun hekk assenjat:

(i) ikun preklużż milli japplika għal trasferiment f'xi dipartiment tal-Gvern skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tas-servizz konnessi mal-ħatra tiegħu mal-Gvern li jkollu fid-data meta huwa jiġi hekk assenjat

għal dmirijietu; jew

(ii) ikun hekk impjegat li r-rimunerazzjoni u l-kondizzjonijiet tas-servizz tiegħu jkunu inqas favorevoli minn dawk li jkunu konnessi mal-ħatra tiegħu mal-Gvern li jkollu fid-data hawn aktar qabel imsemmija jew li kienu jkunu konnessi ma' dik il-ħatra, matul dak iż-żmien, li kieku dak l-uffiċjal ma jkunx ġie assenjat biex jaqdi dmirijietu mal-Awtorità; u

(b) ikollu d-dritt li s-servizz tiegħu mal-Awtorità jiġi kkunsidrat bħala servizz mal-Gvern għall-għanijiet ta' pensjoni, gratwità, jew benefiċċju taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema u ta' kull dritt jew privileġġ ieħor li huwa jkollu d-dritt għalih, u responsabbli għal kull responsabbiltà li dwarha huwa jkun responsabbli, ħlief għall-fatt li huwa jkun ġie assenjat biex iwettaq dmiru mal-Awtorità.

Kap. 93.
Kap. 58.

(6) Meta ssir applikazzjoni kif provdut fis-subartikolu (5)(a)(i) għandha tingħatalha l-istess konsiderazzjoni daqslikieku l-applikant ma jkunx ġie assenjat għal servizz mal-Awtorità.

(7) L-Awtorità għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar l-ispiża ta' pensjonijiet u gratwitajiet li jaqla' uffiċjal li jkun assenjat għal dmirijiet mal-Awtorità kif hawn aktar qabel imsemmi matul il-perjodu li fih huwa jkun hekk assenjat.

(8) L-Awtorità tista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, toffri lil uffiċjal assenjat għal dmirijiet mal-Awtorità taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12(2) impieg permanenti mal-Awtorità b'dik ir-rimunerazzjoni u b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jgawdi dak l-uffiċjal fid-data ta' dik l-offerta.

(9) Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet f'xi offerta magħmula kif hawn aktar qabel imsemmi ma għandhomx jitqiesu bħala inqas favorevoli biss għaliex ma jkunux għalkollox identiċi jew superjuri għal dawk li l-uffiċjal involut ikun qed igawdi fid-data ta' dik l-offerta, jekk dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ikkunsidrati flimkien, fil-fehma tal-Prim Ministru, ikunu joffru benefiċċji sostanzjalment ekwivalenti jew akbar.

(10) Kull uffiċjal li jaċċetta impieg permanenti mal-Awtorità li jiġi offert lilu, taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8), għandu għall-għanijiet kollha minbarra dawk tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, jitqies bħala li temm is-servizz tal-Gvern u li jkun daħal fis-servizz mal-Awtorità fid-data meta huwa jaċċetta, u għall-finijiet tal-

Kap. 93.
Kap. 58.

imsemmija Ordinanza u tal-imsemmi Att, sakemm applikabbli għalih, servizz mal-Awtorità għandu jitqies bħala servizz mal-Gvern fi ħdan it-tifsiriet tagħhom rispettivament.

(11) Kull uffiċjal bħal dak hawn aktar qabel imsemmi li, minnufih qabel ma jaċċetta impieg permanenti mal-Awtorità, kellu d-dritt li jikseb benefiċċju taħt l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, għandu jibqa' jkollu dak id-dritt li jibbenefika taħt u għal kull skop bħallikieku s-servizz tiegħu mal-Awtorità kien servizz mal-Gvern.

Kap. 58.

(12) L-Awtorità għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi għar-rigward tal-ispiża ta' pensjonijiet u gratwitajiet li jinqalgħu minn uffiċjal li jkun aċċetta li jwettaq impieg mal-Awtorità kif hawn aktar qabel imsemmi matul il-perjodu li jibda fid-data meta dak l-uffiċjal hekk jaċċetta.

(13) L-uffiċjali u l-impjegati tal-Awtorità ma għandu jkollhom ebda interess dirett jew indirett f'xi kuntratt magħmul jew li jkun maħsub li jsir mill-Awtorità, jew f'xi impriża li għandha jew li jkun se jkollha xi relazzjonijiet kummerċjali mal-Awtorità.

Delega ta' funzjonijiet.

13. (1) L-Awtorità tista' taħtar Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u tagħtih, taħt is-superviżjoni u kontroll totali tagħha, dawk il-funzjonijiet, dmirijiet u setgħat hekk li dak l-Uffiċjal ikun jista' jagħti seħħ lil kull politika tal-Awtorità u xort'oħra jwettaq b'mod effettiv u effiċjenti l-funzjonijiet tal-Awtorità.

(2) L-Awtorità u l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jistgħu jeżerċitaw waħda jew iktar mill-funzjonijiet tagħhom jew permezz tal-uffiċjali jew l-impjegati jew permezz ta' persuna jew entità oħra li magħha jkun sar ftehim għat-twettiq ta' xi waħda jew iżjed minn dawk il-funzjonijiet.

(3) Meta f'dan l-Att għandha ssir xi ħaġa minn jew kontra jew għar-rigward tal-Awtorità, jew xi avviż għandu jew jista' jingħata lill-Awtorità, dik il-ħaġa jew avviż jistgħu wkoll isiru minn jew kontra jew għar-rigward ta' jew jingħataw lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni; u għall-għanijiet hawn qabel imsemmija kull riferenza f'dan l-Att għall-Awtorità, tinkludi riferenza għall-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.

TAQSIMA IV
Liċenzjar

Applikazzjoni għal ħruġ ta' liċenzja.

14. (1) L-ebda aġenziji jew entitajiet pubbliċi jew privati jew kull entità jew persuna oħra li tipprovdi servizz ta' wens soċjali, m'għandha tipprovdi servizz ta' wens soċjali sakemm ma jkunx hemm liċenzja valida fir-rigward ta' dak is-servizz ta' wens soċjali maħruġa mill-Awtorità.

(2) Meta aġenziji, entitajiet pubbliċi jew privati jew kull entità

jew persuna oħra li tkun biħsiebha tipprovdi iktar minn servizz ta' wens soċjali wieħed, jew tipprovdi l-istess servizz ta' wens soċjali iżda minn aktar minn lok wieħed, għandha tressaq applikazzjoni separata għal kull servizz ta' wens soċjali.

(3) L-Awtorità tista', f'kull żmien tul l-ipproċessar tal-applikazzjoni, titlob lill-provditur ta' servizz prospettiv jgħaddilha aktar dokumenti u tagħrif li hi tqis meħtieġa u żżur il-bini minn fejn ikun maħsub li jingħata s-servizz ta' wens soċjali biex tagħmel l-evalwazzjoni tagħha u taċċerta ruħha jekk il-liċenzja għandhiex tinħareġ jew le.

Ħruġ ta' liċenzja biex jopera.

15. L-Awtorità għandha toħroġ liċenzja lil provditur ta' servizz prospettiv jekk tkun sodisfatta li l-provditur ta' servizz prospettiv:

(a) jikkonforma mal-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mill-Awtorità;

(b) jikkonforma mal-i*standards* rilevanti għas-servizz ta' wens soċjali propost u kull regolament magħmul taħt dan l-Att; u

(ċ) ma jkunx jikser xi liġijiet oħra jew regolamenti applikabbli oħrajn.

Ħruġ ta' liċenzja temporanja.

16. L-Awtorità tista' toħroġ liċenzja temporanja lil provditur ta' servizz prospettiv li ma jkunx jissodisfa l-kriterji kollha ta' eliġibilità u *standards* meħtieġa skont dan l-Att jew kull regolament ieħor magħmul taħt dan l-Att:

Iżda din il-liċenzja temporanja tista' tinħareġ biss wara li l-Awtorità teżamina u tapprova pjan ta' azzjoni ppreżentat mill-provditur ta' servizz prospettiv sabiex jikkonforma mal-i*standards* stipulati f'dak l-istess regolament:

Iżda wkoll dik il-liċenzja temporanja tista' tinħareġ biss għal perjodu ta' sitt (6) xhur u jista' jiġi estiż għal perjodu massimu ieħor ta' sitt (6) xhur oħra.

Ċertifikat ta' Liċenzja u tiġdid.

17. (1) Meta toħroġ liċenzja lill-provditur ta' servizz, l-Awtorità għandha toħroġ Ċertifikat ta' Liċenzja li jkun validu għal perjodu ta' sena mid-data li fiha jkun inħareġ sakemm ma jkunx provdut xort'oħra fit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-liċenzja.

(2) Il-liċenzja msemmija fis-subartikolu (1) tista' tiġġedded mill-Awtorità jekk il-provditur ta' servizz japplika għal tiġdid sa mhux aktar tard minn xahrejn qabel ma tiskadi l-liċenzja u t-tiġdid jingħata biss jekk il-provditur ta' servizz ikun għadu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ma' kull regolament magħmul taħt dan l-Att. Id-deċiżjoni tal-Awtorità dwar it-tiġdid tal-liċenzja għandha tkun notifikata lill-provditur tas-servizz liċenzjat bil-posta reġistrata fi żmien ħamsin jum mid-data tal-applikazzjoni għat-tiġdid.

(3) Il-provditur ta' servizz liċenzjat għandu jiżgura li l-liċenzja, jew kopja tagħha, tinżamm f'post prominenti fl-uffiċċju prinċipali tal-bini li minnu jkun qed joffri s-servizz ta' wens soċjali.

(4) Il-ħruġ u t-tiġdid ta' liċenzja għandu jsir bla preġudizzju għall-ħtiġiet ta' kwalunkwe liċenzja jew awtorizzazzjoni oħra meħtieġa skont xi liġi oħra.

Ċaħda ta' applikazzjoni.

18. (1) L-Awtorità għandu jkollha d-dritt li tiċħad applikazzjoni għal liċenzja jekk jidhrilha li l-provditur prospettiv ta' servizz, jew il-provditur ta' servizz liċenzjat, ma jkunx kapaċi joffri dak is-servizz ta' wens soċjali. Iċ-ċaħda, flimkien mar-raġunijiet dettaljati għaliha, għandha tkun notifikata lill-provditur prospettiv ta' servizz jew lill-provditur ta' servizz liċenzjat li japplika għal-liċenzja, bil-posta reġistrata fi żmien ħamsin jum mid-data tal-applikazzjoni.

(2) Il-provditur prospettiv ta' servizz jew provditur ta' servizz liċenzjat għandu d-dritt li jitlob bdil fid-deċiżjoni tal-Awtorità billi jippreżenta appell skont it-Taqsima VII ta' dan l-Att.

(3) Il-provditur prospettiv ta' servizz jew provditur ta' servizz liċenzjat għandu d-dritt li japplika mill-ġdid lill-Awtorità għal ħruġ ta' liċenzja kemm-il darba r-raġunijiet għaċ-ċaħda ma jkunux għadhom jeżistu.

Revoka ta' liċenzja.

19. (1) L-Awtorità għandha d-dritt li tirrevoka liċenzja ta' provditur ta' servizz liċenzjat f'kull waqt, jekk il-provditur ta' servizz liċenzjat:

(a) ma jibqax konformi mal-kriterji ta' eligibilità għal-liċenzja;

(b) jitqies li m'għadux kapaċi joffri dawk is-servizzi ta' wens soċjali li għalihom kien liċenzjat;

(ċ) ikun qed jikser il-kondizzjonijiet tal-liċenzja, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) L-Awtorità għandha tinnotifika lill-provditur tas-servizz, bil-posta reġistrata, bir-revoka li tingħata bil-miktub flimkien mar-raġunijiet għaliha u din ir-revoka għandha tidħol fis-seħħ mid-data tan-notifika.

(3) Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tas-subartikolu (1), iċ-Ċertifikat ta' Liċenzja u d-dokumentazzjoni kollha relatati mas-servizz ta' wens soċjali jsiru proprjetà tal-Awtorità.

Pubblikazzjoni fil-Gazzetta u *online*.

20. (1) Matul ix-xahar ta' Jannar ta' kull sena l-Awtorità għandha tippubblika fil-Gazzetta:

(a) lista tal-provdituri ta' servizz liċenzjati kollha li tispeċifika t-tip ta' servizz ta' wens soċjali li jkun offrut,

isimhom komplut, l-indirizz reġistrat u dettalji oħra ta' kuntatt rilevanti;

(b) lista tal-provdituri ta' servizz li l-liċenzja tagħhom kienet revokata u kull tibdil fil-kondizzjonijiet meħtieġa għall-ħruġ ta' liċenzja jew it-tiġdid tagħha; u

(ċ) kull bidla fil-kondizzjonijiet meħtieġa għal-liċenzja jew għat-tiġdid li jkunu effettwati sal-wieħed u tletin ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

(2) L-Awtorità għandha tieħu ħsieb li tippubblika *online* l-istess listi msemmija fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1), kif ukoll taġġorna l-istess listi *online* fl-aħħar ta' kull xahar.

TAQSIMA V
Dispożizzjonijiet dwar *Standards*

Standards u Kodiċijiet ta' Mġiba.

21. (1) L-Awtorità għandha r-responsabbiltà li tistabbilixxi, tippubblika u tirrevedi *Standards* Regolatorji għal servizzi ta' wens soċjali.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), l-Awtorità għandha tikkonsulta ma' kull persuna jew grupp ta' persuni li jidhrilha xierqa.

(3) L-għan tal-i*Standards* Regolatorji għandu jkun li:

(a) itejbu u jistandardizzaw ir-regolamentazzjoni tas-servizzi tal-wens soċjali;

(b) jagħmlu r-regolamentazzjoni tas-servizzi aktar effettiva;

(ċ) jiżguraw lill-utenti tas-servizz li s-servizzi ta' wens soċjali huma xierqa għall-ħtiġiet tagħhom u jirrispettaw il-jeddijiet u d-dinjità tagħhom; u

(d) jenfasizzaw illi l-wens tal-utenti tas-servizz għandu jitqies li hu suprem.

TAQSIMA VI
Infurzar ta' *Standards*

Dritt ta' spezzjoni.

22. (1) L-Awtorità b'mod ekwu u ugwali, għandha ssegwi, teżamina u tinforza l-operat kollu li jinvolvi l-għoti ta' servizzi ta' wens soċjali minn agenziji, entitajiet pubbliċi jew privati jew minn kull entità jew persuna oħra. Permezz ta' dan ikun żgurat li dawk l-operati huma mwettqa skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew xi liġijiet jew regolamenti magħmula taħtu u b'konformità ma' kull deċiżjoni magħmula taħt dan l-Att, jew dawk il-liġijiet jew regolamenti oħra.

(2) Għall-fini tas-subartikolu ta' qabel dan, l-Awtorità jkollha s-

setgħa:

(a) li tidħol mingħajr avviż, f'kull ħinijiet raġonevoli, f'kull post soġġett għal spezzjoni taħt dan l-Att;

(b) li twettaq f'kull wieħed minn dawn il-postijiet kull verifika, test jew att li tista' tqis li jkunu meħtieġa biex tiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' xi regolamenti jew ordnijiet magħmula taħtu, u kull *standard* rikonoxxut dwar il-wens soċjali jkunu qegħdin jiġu mħarsa u b'mod partikolari -

(i) li tintervista, fil-preżenza ta' xhieda, lil kull persuna li jidhrilha li kellha x'taqsam mal-għoti tas-servizz ta' wens soċjali u kif ukoll lil kull persuna li jidhrilha li tkun għamlet użu minn dak is-servizz;

(ii) li teħtieġ li jinġieb kull ktieb, reġistru jew dokument ieħor miżmumin mill-provditur tas-servizz u li tagħmel kopja ta' dawk il-kotba, reġistri jew dokumenti jew tieħu estratt minnhom;

(iii) li teħtieġ kull informazzjoni kif jista' raġonevolment ikun meħtieġ dwar l-investigazzjoni;

(ċ) li tieħu ritratti, filmati, *video recordings* u immaġini f'format diġitali; u

(d) li teħtieġ l-assistenza tal-Pulizija kull meta tqis li tkun meħtieġa.

(3) Meta tingħalaq l-investigazzjoni, l-Awtorità tista':

(i) tibgħat rapport lill-Pulizija Eżekuttiva għal investigazzjoni ulterjuri f'kull każ li jinvolvi reat kriminali;

(ii) tieħu azzjoni amministrattiva;

(iii) tieħu kull azzjoni oħra kif jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Ġbir ta' tagħrif.

23. L-Awtorità tista' f'kull ħin tordna lil provditur ta' servizz liċenzjat, jew lil provditur ta' servizz prospettiv, jew aġenzija, jew lil persuna responsabbli, involuta fl-għoti ta' servizz ta' wens soċjali liċenzjat, li jgħaddulha kull tagħrif kif jista' jkun raġonevolment meħtieġ, relatat mas-servizz, bl-għan li twettaq il-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att, jew kull regolament li jista' jkun magħmul taħt dan l-Att.

Nuqqas ta' konformità.

24. (1) Fejn l-assessur iqis li xi servizz ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew mal-kundizzjonijiet tal-

liċenzja, l-assessur għandu jagħmel rapport tal-valutazzjonijiet tiegħu u għandu jirrakkomanda, fejn applikabbli, it-tibdil li l-provditur ta' servizz liċenzjat għandu jagħmel. L-assessur għandu jibgħat kopja tar-rapport, flimkien mar-rakkomandazzjonijiet, lill-Awtorità għad-deċiżjoni tagħha u l-Awtorità tinnotifika lill-provditur b'kopja tad-deċiżjoni bil-posta reġistrata.

(2) Il-provditur ta' servizz liċenzjat għandu jagħmel dak it-tibdil elenkat fir-rapport fiż-żmien mogħti lilu mill-Awtorità. Fil-każ illi l-provditur ta' servizz liċenzjat ma josservax it-tibdil meħtieġ fiż-żmien lilu mogħti, l-Awtorità għandha tieħu dawk il-passi li jidhrilha xierqa, skont id-dispożizzjonijiet taħt dan l-Att.

TAQSIMA VII
Appelli

Dritt ta' appell minn deċiżjonijiet tal-Awtorità.

25. (1) Kull persuna li tħossha aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità tista' tappella quddiem it-Tribunal fi żmien għaxart ijiem mid-data tan-notifika ta' dik id-deċiżjoni.

Kap. 490.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandhom japplikaw għall-kompożizzjoni tat-Tribunal f'kull appell li jsir quddiem it-Tribunal, jew f'kull każ li ssir referenza minn dan l-Att għat-Tribunal.

(3) It-Tribunal jista', meta jidher li jkun hemm raġunijiet tajba, iwaqqaf l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni appellata.

Appell lill-Qorti tal-Appell.

26. Kull parti fil-proċedimenti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fil-ġurisdizzjoni tagħha inferjuri, fi żmien għaxart ijiem mid-data tad-deċiżjoni.

TAQSIMA VIII
Reati u Pieni

Tfixkil.

27. Kull min b'xi mod ifixkel jew jostakola lill-Awtorità jew xi wieħed mill-uffiċjali tagħha fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati mill-qorti kompetenti, priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn tliet xhur jew multa ta' mhux anqas minn mitt euro (€100) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000) jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

Penali amministrattivi imposti għal nuqqas ta' konformità.

28. F'każi ta' nuqqas ta' konformità l-Awtorità tista' timponi penali amministrattiva ta' mhux anqas minn mitt euro (€100) iżda mhux aktar minn għaxart elef euro (€10,000), jew f'każ fejn in-nuqqas ta' konformità jibqa' jissussisti, għal penali ta' mhux inqas minn ħamsin euro (€50) iżda mhux aktar minn tliet mija u ħamsin euro (€350) għal kull jum ta' nuqqas ta' konformità.

Reati oħra.

29. Kull penali stabbilita għal xi reat f'din it-Taqsima tkun bla ħsara għal xi penali oħra stabbiliti f'xi liġi oħra jew regolamenti oħra

magħmula taħt dan l-Att.

TAQSIMA IX
Mixxellanji

Trasferiment ta' setgħat u responsab-biltajiet. *Emendat: II.2019.30.*

30. (1) Is-setgħat kollha ta' liċenzjar u kull dmirijiet u funzjonijiet oħra tad-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali u tad-Direttur responsabbli mill-Welfare għandhom, meta jiġi fis-seħħ dan l-Att, jiġu vestiti fl-Awtorità u fl-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali rispettivament, stabbiliti taħt dan l-Att:

Iżda, kull deċiżjoni jew liċenzja mogħtija mid-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom jibqgħu fis-seħħ daqslikieku d-deċiżjoni jew il-liċenzja ġew mogħtija taħt id-dispożizzjonijiet relattivi ta' dan l-Att bla ħsara għall-osservanza tal-kondizzjonijiet kollha stipulati f'dan l-Att.

(2) Meta xi att jew xi proċess ikun inbeda minn jew taħt l-awtorità tal-Gvern qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att u dak l-att jew proċess għandu x'jaqsam ma' xi ħaġa trasferita lill-Awtorità bis-saħħa ta' dan l-Att, dak l-att jew proċess jista' jitkompla u jintemm minn jew taħt dik l-awtorità tal-Gvern.

(3) Meta fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att ikun għad hemm pendenti xi proċedura legali li fiha l-Gvern ikun parti jew ikollu d-dritt li jkun parti, u dik il-proċedura tirrigwarda xi ħaġa trasferita lill-Awtorità bis-saħħa ta' dan l-Att, l-Awtorità għandha tiġi sostitwita għall-Gvern f'dik il-proċedura u jkollha d-dritt li tiġi hekk sostitwita.

(4) Il-Ministru jista' b'ordni jagħmel dawk id-dispożizzjonijiet inċidentali, konsegwenzjali jew supplimentari li jkunu meħtieġa jew spedjenti għall-finijiet li jiġi żgurat u jingħata effett sħiħ għat-trasferiment ta' kull intrapriża jew ta' kull dritt, setgħa, responsabbiltà jew obbligu lill-Awtorità b'dan l-Att jew taħtu u jista' jagħmel dawk l-ordnijiet li jistgħu jkunu meħtieġa biex kull setgħa jew dmir eżerċitati mill-Gvern, fir-rigward ta' kull ħaġa trasferita lill-Awtorità bis-saħħa ta' dan l-Att, ikunu eżerċitabbli minn jew f'isem l-Awtorità.

(5) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jagħti effett aħjar għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Dispożizzjonijiet transitorji. Kap. 31.

31. Is-setgħat kollha ta' liċenzjar għal djar għall-persuni anzjani skont l-artikolu 98 tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha għandhom, meta jiġi fis-seħħ dan l-Att jiġu vestiti fl-Awtorità stabbilita taħt dan l-Att:

Kap. 31.

Iżda, kull deċiżjoni jew liċenzja mogħtija taħt l-artikolu 98 tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, għandhom jibqgħu fis-seħħ bħallikieku d-deċiżjoni jew il-liċenzja ġew mogħtija taħt id-dispożizzjonijiet relattivi ta' dan l-Att bla ħsara għall-

osservanza tal-kondizzjonijiet kollha stipulati f'dan l-Att.